Nru. 17
Magażin ta' kull Xahar
15c

# il-ħsieb



# SISTEMA ELETTORALI ĠDIDA

Godfrey Pirotta




**WIEĦED mill-aktar fatturi importanti f'ħafna sistemi demokratiċi huwa eżattament is-sistema elettorali. Jasal iż-żmien li kull sistema, jekk se jkun hemm żvilupp demokratiku, tiġi studjata mill-ġdid u wieħed jara jekk il-frott ta' din is-sistema għadux tajjeb jew inkella fid-dwal ta' tibdil soċjali l-frott mhux dak mixtieq. Dan l-artiklu jipprova jħares lejn il-vantaġġi kif ukoll l-iżvantaġġi tas-sistema elettorali Maltija u jiddiskuti bidliet li l-awtur iħoss li hemm bżonnhom jekk il-pajjiż irid isaħħaħ il-bażi demokratiċi li żviluppat f'dawn l-aħħar snin.**

## *IL-PARTITI POLITIĊI*

Kuntrarju għall-Partit Nazzjonalista, il-Malta Labour Party nbena sa mill-bidu nett fuq struttura demokratika. L-uffiċjali tal-Partit ġew magħżula mid-delegati fil-Konferenza Ġenerali, l-ogħla settur fil-partit. Id-delegati min-naħa tagħhom jiġu magħżula mill-konferenzi tal-lokalitajiet — konferenzi li dejjem ħolqu djalogu bejn il-membri u l-mexxejja.

Il-partit hekk imlaqqam Nazzjonalista qatt ma kellu sistema bħal din fil-passat u kienu dejjem il-mexxejja li ħatru l-uffiċjali u addottaw il-politika ta' dan il-partit.

Għalhekk mhix ħaġa ta' l-iskantament li dejjem kien il-Partit Laburista li ġġieled għad-demokrazija vera fil-pajjiż. Il-partit dejjem, fil-gvern jew le, wassal l-opinjoni ta' dawk li kien verament jirrappreżenta.

Min-naħa tiegħu l-Partit Nazzjonalista kien dejjem ir-rappreżentant ta' minoranzi li kellhom influwenza — tajba jew ħażina — f'pajjiżna. Dan kien jagħmlu anki meta kien il-gvern tal-pajjiż.

Infatti minn dejjem il-maġġoranza tal-ħaddiema kienu membri ta' Unions li kienu opposti għal politika ta' dan il-partit għaliex l-interessi tal-ħaddiema — li wara kollox dejjem kienu l-maġġoranza — ma kienux l-interessi tal-minoranza li jirrappreżenta.

Hawnhekk qiegħed nirreferi għall-politika u mhux għall-votanti. M'hemmx għalfejn nirrepeti l-istorja maħmuġa ta' dan il-partit biex wieħed jifhem dak li nixtieq ngħid.

## *IL-VOTANT*

Mistoqsija li bilfors trid titqajjem u li meta wieħed jipprova jagħti tweġiba għaliha tqajjem oħrajn, hija eżattament xi jrid il-votant meta darba kull ħames snin imur biex jivvota? Irid li jkun hemm gvern iffurmat minn partit jew irid li jkun hemm gvern iffurmat minn grupp ta' individwi hi x'inhi l-bażi politika tagħhom? Dawn huma mistoqsijiet importanti ħafna li qatt ma jiġu diskussi.

Mingħajr dubju ta' xejn il-votant irid gvern li jaqdi u jagħmel realta' t-tamiet tiegħu. Il-votant jaf li l-gvern iffurmat minn grupp ta' nies b'ħafna ideoloġiji differenti mhux se jasal biex iwettqu dan. Il-votant jaf ukoll li fl-iżvilupp politiku ta' Malta, biex ma ngħidx pajjiżi oħra wkoll, kienu partiti politiċi li ġabu bidliet li kienu jaqblu jew ma jaqblux ma votanti individwali.

Nieħdu l-każ ta' votanti Laburisti. Xi ħadd jaħseb li l-votanti ivvutaw għall Partit Laburista għaliex kien immexxi minn Dom Mintoff? Il-votanti vvutaw għal dan il-partit għaliex raw li l-Partit Laburista BISS immexxi minn Dom Mintoff seta' jġib bidliet soċjali f'Malta li jikkorrespondu mat-tamiet tagħhom ta' ħajja diċenti u pajjiż demokratiku. Huma fil-fatt

